MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 458/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989) (Dok certifikat taz-zwieg anness u marakt Dok A);

Ili minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed Z B li ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena u jahdem full-time mal-Go plc u ghalhekk ebda manteniment ma huwa dovut;

Illi l-partijet ilhom legalment separati b’kutratt tad-dsatax (19) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) atti Nicholas Briffa kopja annessa u markata Dok B;

Illi m’hemm l-eba prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom separati ghal kwazi ghoxrin sena llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi manteniment a favur il-mara ma hemmx peress li l-partijiet ddekadew reciprokament mid-dritt taghhom ghal manteniment (ara klawsola 5);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Art 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin(1989);
2. tordna lir-Regisratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Settembru, 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Ottubru 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat wkoll  ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall ta’ zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------